MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 23/2003

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Alfred Azzopardi

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 23 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Alfred Azzopardi, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi Alfred Azzopardi kien jahdem bhala auxiliary worker mal-Forzi Armati ta’ Malta w bhala cleaner fl-Air Squadron, Hal-Luqa. Sas-sena elfejn u wiehed kien ilu hekk jahdem ghal madwar sittax-il sena. Huwa kien mizzewweg b’zewgt itfal, izda kien separat minn mal-mara ghal madwar tlett snin.**

**Ghall-ahhar ta' Lulju, 2001, Alfred Azzopardi kien kera post bin-numru 33, Triq Santa Katerina, Birzebbugia. Ma kienx kera dan il-post sabiex jirrisjedi fih, izda semplicement biss sabiex, jekk u meta jkollu opportunita' li jkollu relazzjoni sesswali ma' mara, huwa jkun jista' liberament jiehu dik l-opportunita' billi jinghalaq hemm gew.**

**L-ewwel opportunita' li gietu f'dan is-sens kien nhar it-Tnejn, tnax (12) ta' Novembru, 2001, f'xi hin wara nofsinhar. Il-mara kien jisimha Vanessa Grech ta' tnejn u ghoxrin (22) sena. Lil Vanessa, Alfred Azzopardi kien ilu jafha cirka sena w nofs qabel. Hija kellha l-vizzju tad-droga, w kull meta hija kellha bzonn xi flus sabiex tixtri d-droga, huwa kien jipprovdilha. Qabel ma Alfred Azzopardi kien kera l-post fuq msemmi, huwa gieli kien ikollu xi relazzjoni sesswali maghha, jew f'xi ghalqa jew fil-karozza taghha, Fiat Punto blu. Kwazi kull darba li kien jigri hekk, Vanessa Grech, li ma kinitx mizzewga, kien ikollha maghha t-tifla taghha, minn ragel iehor, ta' eta' ta' sbatax-il xahar, u cioe' Ailey Grech.**

**Nhar it-12 ta' Novembru, 2001, Alfred Azzopardi kien fil-post mikri ghandu f'Birzebbugia ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar. Kien hawnhekk li huwa ddecieda li jcempel lil Vanessa sabiex ikollu relazzjoni sesswali maghha. Hija accettat u qaltlu li kienet gejja hemmhekk. Fil-fatt hin wara marret hemm flimkien mat-tarbija taghha, w lil dina poggietha fis-salott li jigi fil-kamra ta' barra.**

**Alfred Azzopardi w Vanessa Grech kellhom x'jaqsmu ma' xulxin sesswalment fis-sodda fil-kamra tas-sodda principali. Damu ghaddejjin hekk sa kwazi nofs siegha. Imbaghad sehh argument bejniethom fis-sens li hija, kif kienet taghmel drabi ohra, talbitu xi flus ghad-droga, izda huwa rrifjuta li jaghtiha flus. Kien hawn li Vanessa Grech bdiet theddu li kienet sejra tikxfu mal-mara tieghu dwar ir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Fl-istess hin hija harget mus li hija kellha fil-handbag taghha li kien hdejn is-sodda. Il-mus**

**semplicement zammitu f'idejha w mhux ipprovat taggredih bih. B'danakollu, kif huwa ra hekk, ipprova jissielet maghha sabiex johodulha minn idejha, w kien f'dan il-waqt li huwa soffra xi griehi f'idejh. Kif irnexxielu johdilha l-mus minn idejha, huwa, bil-hsieb li joqtolha w biex ipattiehielha talli hedditu li tikxfu mal-mara, qabad il-mus u beda jaghtiha diversi daqqiet bih f'sidirha w f'partijiet ohra vitali ta' gisimha. F'dan il-mument Vanessa kienet ghadha bla hwejjeg u minnufih gisimha imtela kollu demm, intilfet minn sensieha w fi ftit tal-hin mietet.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Alfred Azzopardi sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Vanessa Grech jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Alfred Azzopardi hati ta' omicidju volontarju, w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap li nhar it-12 ta' Novembru, 2001, f'xi hin ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, kif appena Alfred Azzopardi kien qatel lil Vanessa Grech b'diversi daqqiet ta' mus gewwa l-kamra tas-sodda tal-fond mikri ghandu f'Birzebbugia, dahlet fl-istess kamra t-tifla ta' Vanessa, Ailey Grech, wara li dina giet attirata bl-ghajjat u twerziq ta' ugieh u biza li kienu hergin minn fomm ommha. Kif Alfred Azzopardi ra lit-tifla ta' Vanessa quddiem ghajnejh, huwa hatafha minn darha,**

**tefaghha fuq is-sodda biswit ommha mejta, u, ghal darb'ohra, bl-istess hsieb u intenzzjoni li kellu ghal ommha, w cioe' li joqtol, beda jaghtiha diversi daqqiet f'partijiet vitali ta' gisimha bl-istess mus u bl-istess mod kif kien qatel lil Vanessa Grech. Ukoll, ftit tal-hin wara, Ailey Grech mietet konsegwenza tal-ammont kbir ta' demm li tilfet minhabba d-daqqiet li soffriet.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Alfred Azzopardi sar hati ta' omicidju volontarju u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ailey Grech jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isemi fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Alfred Azzopardi hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**3) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi nhar it-12 ta' Novembru, 2001, f'xi hin wara nofsinhar, u fil-fond 33, Triq Santa Katerina, Birzebbugia, filwaqt li Alfred Azzopardi kien ghaddej bit-twettiq materjali tal-eghmil doluz tieghu, u cioe' li joqtol kemm lil Vanessa Grech kif ukoll lil bintha Ailey, huwa kellu f'idejh u fil-pussess tieghu mus li jaqta bil-ponta.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Alfred Azzopardi sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Alfred Azzopardi hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**4) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fir-Raba Kap. wara li nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2001, f'xi hin wara nofsinhar gewwa l-fond 33, Triq Santa Katerina, Birzebbugia, Alfred Azzopardi kien wettaq l-intenzzjoni li joqtol kemm lil Vanessa Grech kif ukoll lil bintha Ailey, kif espost u allegat fl-ewwel u t-tieni kapi tal-att ta' akkuza premess, huwa ddecieda wkoll li qabel ma jitlaq il-barra minn hemm gew, huwa jahbi l-kadavri taghhom u jahbi jew jeqred kull tracca tad-delitti li kienu jew setghu jwasslu ghall-involviment tieghu.**

**Dana ghamlu billi qabad lil Vanessa, mejta, refaghha w tefaghha rasha l-isfel fil-horza tal-bir fil-bitha biswit. Imbaghad, mar ghal Ailey, ukoll mejta, qabadha, refaghha w tefaghha wkoll rasha l-isfel fl-istess bir. Fil-bir tefa' wkoll il-handbag ta' Vanessa, il-mus, il-lozor imcappsa bid-demm, kif ukoll zewg xugamani mcappsa bid-demm. Finalment, hasel u naddaf id-dintorni mid-dmija, libes hwejjgu w telaq il-barra minn hemm.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Alfred Azzopardi sar hati talli xjentement heba l-kadavri ta' Vanessa u Ailey Grech li mietu b'delitt.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Alfred Azzopardi hati talli xjentement heba l-kadavru ta’ persuna li mietet b’delitt.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ xhur prigunerija w ta’ mhux izjed minn sitt xhur prigunerija, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 239, 17(b), 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum stess , li bih bi tmin (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lill-akkuzat Alfred Azzopardi hati tal-ewwel u tat-tieni kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza u unanimament sabuh hati tat-tielet u r-raba’ kap tal-Att tal-Akkuza.

**Tiddikjara ghalhekk lil Alfred Azzopardi hati talli nhar it-12 ta’ Novembru, 2001, f’33 Triq Santa Katerina, Birzebbugia, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Vanessa Grech jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara lil Alfred Azzopardi hati talli nhar it-12 ta’ Novembru, 2001, f’33 Triq Santa Katerina, Birzebbugia, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ailey Grech jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara lil Alfred Azzopardi hati talli fit-12 ta’ Novembru, 2001, go Birzebbugia, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi**

**arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara lil Alfred Azzopardi hati talli fit-12 ta' Novembru, 2001, go Birzebbugia, xjentement heba l-kadavri ta' Vanessa u Ailey Grech li mietu b'delitt, u dana skond ir-Raba Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-hati li hija netta;**

**Ikkonsidrat**

Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-Avukat Difensur li jinsabu registrati w senjatament li l-verdett fuq l-ewwel zewg kapi tal-Att tal-Akkuza ma kienx wiehed unanimu, li l-hati huwa "first time offender", li hu kkopera bis-shih mall-Pulizija wara ftit tal-hin li gie arrestat, illi l-komportament tieghu fil-habs kemm ilu arrestat kien wiehed ezemplari, li l-hati wera s-soghba tieghu ghal dak li gara w iddikjara kemm il-darba li ma riedx joqtol u li l-Qorti kellha tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment il-fatt li l-vittma Vanessa Grech kellha arma f'idejha qabel ma gara l-incident u li setgha kien hemm xi provokazzjoni.

Qiest is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur li bihom, filwaqt li ma kkontestax li l-fedina penali aggornata tal-hati hija wahda netta w li hu gab ruhu sew fil-habs, kif del resto suppost li ghamel, sostna li dan kien kaz fejn gew kommessi zewg omicidju volontarji fahxin u makabri, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(a) tal-Kodici Kriminali w bla tlaqlieq ta' xejn, il-prosekuzzjoni kienet qed titlob ghal piena ta' ghomor il-habs.

Ikkonsidrat

Illi l-piena ghall-ewwel zewg reati skond il-ligi hija dik ta' ghomor il-habs ghalkemm meta l-verdett tal-gurati ma jkunx unanimu skond l-Artikolu 492 (2) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax il-sena minflok il-piena ghall-prigunerija ghal ghomor. Ghar-reat taht it-tielet kap tal-Att tal-Akkuza l-piena hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond l-Artikolu 26 tal-Kap. 66 u l-piena ghar-reat taht ir-raba kap tal-Att tal-Akkuza hija dik ta' mhux izjed minn sitt xhur prigunerija.

Illi l-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz thoss u tara illi ghal dan il-kaz ta' omicidju doppju fejn il-gurati m'accettawx id-difizi prospettati mill-hati w ma sabu ebda attenwanti jew skuzanti, hi ma tistax hlief tapplika l-piena ta' prigunerija ghal ghomor.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 211(1)(2), 492, 239, 17(a)(b), 23 u 533 tal-kodici Kriminali w l-Artikolu 26 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna l-hati Alfred Azzopardi ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru, w tikkundannah ihallas lis-spejjez tal-perizji f'din il-kawza li jammontaw ghal elf sitt mija w sitt liri Maltin u tlieta w sittin centezmu (LM 1606.63) ghat-tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska tal-mus esebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------